# V.DA KONFRATERNITA

# TAL-B.V.M TAL-KARMELU

**A.D. 1801**



8 ta' Marzu 2012

Għeżież Fratelli,

Ninsabu fiż-żmien tar-Randan li matulu il-fratellanza tagħna tieħu sehem f'dawn il-purċissjonijiet:

1. **Il-Ħadd 25 ta' Marzu**: Festa tar-Redentur fir-residenza ta' l-anzjani 'St Vincent de Paule'. **Fid-9.00 am** tibda l-quddiesa u wara jkun hemm purċissjoni. Niltaqgħu ħdejn il-kappella li qiegħda fil-blokk 'Rużar Briffa'.
2. **Il-Ġimgħa 30 ta' Marzu**: Festa tal-Madonna tad-Duluri. Il-purċissjoni tibda ħierġa għall-ħabta **tas-6.00 pm**.
3. **Il-Ħadd 1 t' April**: **Ħadd il-Palm**. **Fid-9:15 am** issir il-funzjoni tat-tberik tal-palm u ż-żebbuġ. Wara jkun hemm purċissjoni qasira.

Nhar **l-Erbgħa 11 t'April** nagħtu bidu għas-Seba' Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu. Fis-**6:00 pm** jingħad ir-Rużarju u wara toħroġ il-quddiesa li matulha Patri Adrian Cachia OFM ikellimna dwar il-virtujiet ta' Marija Santissma. Wara jkun hemm Ċelebrazzjoni Marjana fuq l-artal tal-Madonna u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali.

Nhar il-**Ħadd 6 ta'Mejju** niċċelebraw il-festa tal-Patrijarka San Ġużepp. Fis-**6:00pm** ikun hemm quddiesa kantata u wara toħroġ il-purċissjoni.

Infakkarkom li din is-sena l-professjoni ta' fratelli ġodda se ssir nhar it-**Tlieta 17 ta' Lulju**. Infakkar lil dawk li bi ħsiebhom jipprofessaw biex javviċinaw lil xi membru tal-Kumitat tal-Fratellanza sal-**31 ta' Mejju** peress li matul Ġunju ser isiru laqgħat ta' formazzjoni. Min ma jattendix għal dawn il-laqgħat ma jkunx jista' jipprofessa. Barfra minn hekk, kull min għandu bżonn ta' kunfratija u muzzetta ġodda għandu jikkuntattja lil xi membru tal-kumitat mill-aktar fis possibbli.

Nagħlaq billi, f'isem il-kumitat kollu nawgura lilkom u lill-familja tagħkom **l-Għid it-Tajjeb.**

**Dejjem Tagħkom,**

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**

**FRATELLANZA TAL-B.V.M. TAL-KARMELU IMWAQQFA FL-1801 - PARROĊĊA ŻURRIEQ**
RETTUR - FRANCIS FARRUGIA TEL : 21641358 • MOB : 79479119
SEGRETARJU - JOSEPH BUHAGIAR TEL : 21647403 • MOB : 99488262